IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2021
COM(2021) 789 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri

1 KUNTEST

Il-Kummissjoni (Eurostat) tiġbor id-*data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 ("ir-Regolament")[1]. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament, il-prodotti tas-sajd ikunu meqjusa li ġew żbarkati fit-territorju tal-Istati Membri jekk jiġu żbarkati mill-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), jew jekk jiġu żbarkati f'territorju mhux tal-UE mill-bastimenti tal-UE u mbagħad importati fl-UE[2]. L-Artikolu 10 tar-Regolament jeħtieġ li kull tliet snin, il-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta, b'mod partikolari, il-kwalità u r-rilevanza tad-*data* tal-istatistika miġbura. Ir-rapport irid janalizza wkoll l-kosteffettività tas-sistema għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* statistika dwar l-iżbarki u jipproponi l-aħjar prattiki biex jitnaqqas il-piż tax-xogħol fil-livell nazzjonali u jwassal għal *data* statistika aktar utli u ta' kwalità aħjar.

Ir-Regolament japplika għall-Istati Membri tal-UE, għan-Norveġja u għall-Iżlanda. Madankollu, minħabba li jikkonċerna l-iżbarki ta' prodotti tas-sajd li huma qabdiet marittimi, il-pajjiżi mingħajr kosta huma eżentati mill-obbligu ta' rappurtar tad-*data* (ħames Stati Membri: iċ-Ċekja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovakkja).

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq (i) ir-rapporti tal-kwalità dwar l-iżbarki sottomessi lill-Eurostat mill-Istati Membri ta' rapportar għas-sena ta' referenza 2019, (ii) l-analiżi ta' konformità u (iii) id-*data* tal-kostijiet miġbura mill-Eurostat.

Il-Kummissjoni adottat ir-rapporti ta' valutazzjoni preċedenti rigward l-istatistika dwar l-iżbarki sottomessi skont dan ir-Regolament f'Novembru 2010[3], f'April 2014[4], f'Mejju 2016[5] u fi Frar 2019[6].

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd tinkludi wkoll statistika ddettaljata dwar il-qabdiet, il-flotot u l-akkwakultura minbarra dik dwar l-iżbarki. Dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, primarjament id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), jiġbru wkoll ammont kbir ta' *data* skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[7] u r-Regolament (UE) Nru 2017/1004[8]

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1).

2 Dan ifisser li din l-istatistika mhijiex komparabbli mad-*data* dwar l-iżbark miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, fejn id-*data* hija miġbura skont il-pajjiż tal-bandiera tal-bastiment.

3 Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri, COM(2010) 675 final.

4 Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri, COM(2014) 240 final.

5 Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri, COM(2016) 239 final.

6 Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 dwar il-preżentazzjoni ta' *data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri, COM(2019) 47 final.

sabiex jiġġestixxu l-politika komuni tas-sajd. Id-*data* statistika miġbura mill-Eurostat u d-*data* miġbura mid-DĠ MARE parzjalment tikkoinċidi. Dan ir-rapport ikopri biss id-*data* statistika dwar il-kwantitajiet totali u l-valuri unitarji tal-prodotti tas-sajd li ġew żbarkati fit-territorju tal-Istati Membri fl-2019, kif miġbura mill-Eurostat.

Fl-2018, l-Eurostat vara l-proġett "Streamlining and simplifying European fishery statistics" ("Ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd"). Dan jikkonsisti f'evalwazzjoni tal-istatistika attwali dwar l-akkwakultura, il-qabdiet u l-iżbarki, u f'valutazzjoni tal-impatt dwar l-alternattivi ta' politika futuri u leġiżlazzjoni futura possibbli. L-evalwazzjoni, li kopriet ukoll l-implimentazzjoni tar-Regolament, tlestiet fl-2019. Il-valutazzjoni tal-impatt tnediet fl-2020 u kienet viċin li tiġi ffinalizzata fl-istess żmien tal-abbozzar ta' dan ir-rapport.

2 SEJBIET EWLENIN

2.1 Puntwalità u kompletezza

2.1.1 Puntwalità

Il-puntwalità tat-trażmissjonijiet tad-*data* tjiebet matul dawn l-aħħar snin, bil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rappurtari jibagħtu d-*data* fil-ħin. Għas-sena ta' referenza 2019, id-*data* trażmessa minn terz tal-pajjiżi rappurtari kienet teħtieġ xi korrezzjonijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn il-korrezzjonijiet ġew ipprovduti f'perjodu ta' żmien aċċettabbli.

Il-Kummissjoni (Eurostat) toħroġ id-*data* immedjatament wara li tiġi vvalidata. Jekk ikun meħtieġ, id-*data* tista' tiġi riveduta fi kwalunkwe waqt.

2.1.2 Kompletezza

Il-kompletezza tad-*data* tjiebet grazzi għall-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jestendu b'mod sinifikanti l-kopertura tal-istħarriġ tagħhom tat-tipi ta' bastimenti, bastimenti barranin u speċijiet tal-ħut.

2.2 Konsistenza

2.2.1. Kwalità u akkuratezza

L-Eurostat jiġbor ir-rapporti tal-kwalità tal-istatistika dwar l-iżbark kull tliet snin. Ir-rapporti jiddeskrivu l-metodi u l-aspetti tal-kwalità tal-ġbir tad-*data* abbażi ta' awtovalutazzjonijiet mill-

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1–50).

[8] Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, pp. 1-21).

pajjiżi. L-Eurostat uża r-rapporti tal-kwalità nazzjonali biex jikkompila rapport tal-kwalità fil-livell tal-UE[9].

Il-kwalità ġenerali tad-*data* kienet tajba u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qiesu kemm ir-rata ta' nuqqas ta' rispons kif ukoll dik ta' kopertura insuffiċjenti bħala baxxi ħafna. Numru limitat ħafna ta' Stati Membri rrappurtaw erruri ta' kejl jew kampjunar, filwaqt li tqies li l-possibbiltà ta' klassifikazzjoni ħażina ma għandha l-ebda impatt fuq il-kwalità tad-*data*. 35 % tal-pajjiżi indikaw li l-kwalità ġenerali tal-istatistika dwar l-iżbark tjiebet mill-aħħar rapport tal-kwalità li sar tliet snin ilu.

Aktar minn nofs il-pajjiżi għandhom fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. Il-biċċa l-kbira tat-titjib kien immirat lejn it-tempestività, l-akkuratezza u l-affidabbiltà.

2.2.2 Komparabbiltà

F'Ottubru 2019, l-Eurostat ippubblika manwal għall-istatistika dwar il-qbid u l-iżbark[10], li kompla jtejjeb l-omoġeneità u għalhekk il-komparabbiltà tad-*data* statistika bejn il-pajjiżi. It-tul tas-sensiela kronoloġika — il-komparabbiltà maż-żmien — ivarja bejn il-pajjiżi. Madankollu, għall-perjodu kopert minn dan ir-rapport ta' valutazzjoni, id-*data* hija komparabbli fuq tul ta' żmien.

2.3 Rilevanza

Id-*data* tal-istatistika miġbura skont ir-Regolament hija essenzjali għat-tfassil ta' politika li tkun infurmata u bbażata fuq l-evidenza, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Id-*data* dwar il-livelli tal-produzzjoni u x-xejriet hija importanti fl-analiżi tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd bħala parti mill-politika komuni tas-sajd u tipprovdi bażijiet sodi li fuqhom jista' jinbena l-futur tas-settur għal dawk li jfasslu l-politika u għall-industrija.

L-istatistika dwar l-iżbark tintuża ħafna minn diversi utenti tad-*data*. Id-*data* statistika hija sors importanti għall-pubblikazzjonijiet u s-servizzi ta' organizzazzjonijiet oħra. L-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura juża statistika Ewropea dwar l-iżbarki fil-kompilazzjoni tal-analiżi strutturali tiegħu tal-industrija tas-sajd Ewropea. L-istatistika dwar l-iżbark tifforma l-bażi għal ġabriet oħra tad-*data*[11].

L-istatistika dwar il-volumi u l-prezzijiet tal-prodotti tas-sajd żbarkati fit-territorju tal-UE tikkontribwixxi għall-impenji tal-Kummissjoni fl-informazzjoni dwar is-suq. Id-*data* hija essenzjali għas-segwitu u l-analiżi tas-swieq tal-prodotti tas-sajd tal-UE tul il-katina tal-provvista.

Id-*data* tal-istatistika tista' tkun rilevanti wkoll għall-obbligu tal-iżbark kif stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[12] li jirrikjedi li l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid jinħattu l-art u jingħaddu skont il-kwota rilevanti.

---

9 https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/EN/fish_ld_esqrs.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

10 https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/Annexes/fish_ld_esms_an3.pdf (disponibbli bl-Ingliż biss).

11 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka u l-limiti għall-għanijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 21).

12 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru

L-Istati Membri sostnew li l-ħtiġijiet kollha tal-utenti fil-livell nazzjonali ġew issodisfati.

2.4. Aċċessibbiltà

2.4.1. Bażi tad-*data* online

Id-*data* statistika dwar l-iżbarki ta' prodotti tas-sajd hija disponibbli fil-bażi tad-*data* pubblika tal-Eurostat[13] f'tabelli dettaljati tal-pajjiżi, kif ukoll f'tabella ta' sommarju globali li turi d-*data* nazzjonali u tal-UE f'livell aktar aggregat.

Nofs l-Istati Membri ta' rappurtar jippubblikaw ukoll id-*data* fil-livell nazzjonali f'bażijiet tad-*data* online li l-utenti jistgħu jaċċessaw.

2.4.2 Pubblikazzjonijiet u tabelli tad-data

L-Eurostat jippubblika *data* u artikli rigward id-*data* statistika dwar l-iżbarki tal-prodotti tas-sajd fil-ġabra tiegħu online "Statistics Explained" u f'kotba statistiċi[14]. Nofs il-pajjiżi ta' rappurtar ipproduċew pubblikazzjonijiet elettroniċi.

2.4.3 Metadata

Kull tliet snin, il-Kummissjoni tiġbor rapporti nazzjonali tal-kwalità li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rapport (ara n-nota 8 ta' qiegħ il-paġna). Ir-rapporti nazzjonali jinkludu informazzjoni dettaljata dwar il-kwalità tad-*data* u dwar il-metodi użati għall-ġbir tagħha. Ir-rapporti nazzjonali tal-kwalità jsegwu l-linji gwida tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u jinġabru fl-ESS Metadata Handler.

2.5 Kunfidenzjalità tad-*data*

Il-varjabbli kunfidenzjali fid-*data* tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd trażmessi lill-Kummissjoni huma verament ftit. Fl-2019, tliet Stati Membri ffaċċjaw kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità jew minħabba l-kwantità jew minħabba l-prezz tal-prodotti żbarkati. Minħabba f'dan, il-volum żbarkat u l-valur globali baqgħu kunfidenzjali għat-total tal-UE.

L-Eurostat u l-Istati Membri investew il-ħin u l-isforzi biex jagħmlu l-akbar ammont possibbli ta' ċifri disponibbli għall-utenti tad-*data*, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-istatistika u jżommu l-proċess effiċjenti kemm jista' jkun.

3 PIŻ U KOSTEFFETTIVITÀ

L-ESS wettqet analiżi tal-kostijiet tal-proċess tal-ġbir tal-istatistika dwar l-iżbark. 23 pajjiż (il-pajjiżi kollha kkonċernati minbarra l-Iżlanda) bagħtu l-istimi tal-kostijiet f'termini monetarji u tal-forza tax-xogħol, li ġew espressi f'ekwivalenti full-time (FTE). Pajjiż minnhom seta' jipprovdi biss ċifra totali għall-istatistika kemm dwar il-qbid tas-sajd kif ukoll dwar l-iżbarki; il-

1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[13] http://ec.europa.eu/eurostat/data/database (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

[14] L-aktar wieħed riċenti huwa "Agriculture, forestry and fishery statistics" — edizzjoni tal-2020 https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/12069644/KS-FK-20-001-EN-N.pdf/a7439b01-671b-80ce-85e4-4d803c44340a?t=1608139005821 (disponibbli bl-Ingliż biss).

kost għall-istatistika dwar l-iżbark ġiet stmata li tammonta għal bejn wieħed u ieħor nofs il-kost totali.

It-total tal-kostijiet diretti u indiretti għall-pajjiżi kollha li pprovdew iċ-ċifri kien ta' EUR 2.9 miljuni fis-sena. Il-kost medju għal kull pajjiż kien ta' EUR 16 400. F'aktar minn nofs il-pajjiżi, il-kost kien żgħir ħafna, iżda hemm ftit pajjiżi li qed jorganizzaw stħarriġ kampjunarju b'kostijiet ogħla. B'kollox, 70 persuna (konvertiti f'FTEs) kienu qed jaħdmu fuq l-istatistika dwar l-iżbark. Il-kost medju għal kull pajjiż kien ta' 0.5 FTEs. Nofs l-Istati Membri rappurtari qalu li mill-aħħar rapport kienu esperjenzaw żidiet fl-effiċjenza. Terz minnhom qalu li rnexxielhom inaqqsu l-piż fuq ir-rispondenti bl-użu ta' kwestjonarji aktar faċli għall-utent jew metodi ta' trażmissjoni tad-*data* eħfef.

4 KONKLUŻJONIJIET

L-istatistika dwar l-iżbark hija robusta f'termini ta' puntwalità, kompletezza u konsistenza. Il-pajjiżi jipprovdu informazzjoni affidabbli dwar il-volum u l-valur tal-prodotti tas-sajd li jiġu żbarkati fl-UE u *data* dettaljata u utli ħafna fil-livell tal-ispeċijiet li tista' tintuża fl-analiżi tas-suq tal-ħut tal-UE.

Il-linji gwida ta' rappurtar u l-manwali tal-Eurostat rendew l-istatistika dwar l-iżbark aktar konsistenti. B'mod parallel, il-miżuri meħuda mill-fornituri tad-*data* nazzjonali wasslu għal titjib fil-puntwalità u l-kompletezza.

It-total tal-kostijiet diretti u indiretti għall-pajjiżi kollha li pprovdew iċ-ċifri ammonta għal EUR 2.9 miljuni. Il-kost medju għal kull pajjiż kien ta' EUR 16 400. F'aktar minn nofs il-pajjiżi, il-kost kien żgħir ħafna, iżda hemm ftit pajjiżi li qed jorganizzaw stħarriġ kampjunarju b'kostijiet ogħla.

5 RAKKOMANDAZZJONIJIET

L-Eurostat iħabrek biex itejjeb kontinwament il-kwalità u d-disponibbiltà tal-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, huwa impenjat ukoll li jnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti. Għal dan il-għan, il-proġett "Ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd" iħares lejn il-ġbir tad-*data* attwali u jfassal strateġija biex id-*data* tal-istatistika dwar l-iżbark tal-prodotti tas-sajd issir aktar adattata għall-iskop. L-ewwel stadju importanti tal-proġett – li tiġi ffinalizzata l-evalwazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd – intlaħaq tard fl-2019, meta ġie prodott dokument ta' ħidma tal-persunal dwar l-evalwazzjoni[15].

L-aktar eżitu importanti mill-evalwazzjoni tal-istatistika dwar is-sajd għall-iżbarki huwa li din hija parti importanti ħafna u użata ħafna fl-istatistika dwar is-sajd, iżda l-kopertura tagħha ma tissodisfax il-ħtiġijiet tal-utent. L-evalwazzjoni tal-istatistika dwar is-sajd sabet li l-utenti kellhom ħtieġa emerġenti importanti li l-istatistika dwar is-sajd tkopri l-iżbarki totali għall-bastimenti tas-sajd kollha ta' pajjiż, l-iżbarki tal-bastimenti tas-sajd tal-UE/EFTA barra mit-territorju tal-UE/EFTA u l-iżbarki mill-bastimenti tas-sajd mhux tal-UE/EFTA fit-territorju tal-UE/EFTA.

L-aħjar soluzzjoni biex jiġi pprovdut servizz aħjar għall-utenti tad-*data* tkun li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni attwali jew li tiġi sostitwita b'leġiżlazzjoni oħra li żżid il-kopertura. Il-Kummissjoni bħalissa qed tiffinalizza valutazzjoni tal-impatt dwar l-alternattivi potenzjali biex titjieb l-istatistika dwar is-sajd kollha: il-qbid, l-iżbark, il-flotta tas-sajd u l-akkwakultura. Leġiżlazzjoni ġdida tista' twassal għal titjib fl-effiċjenza, speċjalment billi tissimplifika l-flussi tad-*data* u tallinja l-iskadenzi mal-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

[15] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2019) 425 (disponibbli bl-Ingliż biss).

Fil-livell nazzjonali, jenħtieġ li jitħeġġeġ aktar l-użu ta' kwestjonarji elettroniċi, għax dan jgħin biex il-ġbir tad-*data* jkun aktar effiċjenti. Eżempji oħra ta' prattiki tajba huma l-linji gwida għall-ġbir tad-*data* nazzjonali u l-helpdesks li joffru appoġġ mfassal apposta għar-rispondenti.